FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001

**Numru 5**

**Avviz. numru 1093/01JR**

**Strand Electronics Limited**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija hamsa u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm455.90), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata u ta' servizzi rezi.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati**

**t-tnejn fil-21 ta' Marzu, 2001, u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-konsenja.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Hubert Dalli ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija hamsa u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm455.90), bl-imghax legali mill-5 ta' Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati t-tnejn fil-21 ta' Marzu, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**